Diskors mill-Arċipriet fiċ-ċelebrazzjoni li saret nhar it-Tnejn, 19 ta' Novembru il-parroċċa, li tfakkar il-pellegrinaġġ tal-istatwa u tal-kwadru titulari nhar id-19 ta' Novembru 1944

# Marija l-mara li timxi



Marija hija l-mara li dejjem tinsab f'pellegrinaġġ. Minn Nazaret tħaffef lejn l-għoljiet tal-Ġudea biex tiltaqa' mal-qariba tagħha Eliżabetta. Minn Nazaret tmur Betlem. Minn Betlem taħrab lejn l-Eġittu. Mill-Eġittu tmur lura fil-Ġudea, u wara terġa' tmur lura Nazaret. Minn Nazaret tagħmel il-pellegrinaġġ lejn Ġerusalemm.

Ma' binha Ġesù tterraq fit-toroq tal-Galilea, u fl-aħħar tispiċċa fuq l-għolja tal-Kalvarju, fejn hemmhekk baqgħet wieqfa u għax baqgħet wieqfa ngħatat il-gieħ li tkun l-Omm tagħna lkoll. Li tkun l-Omm tiegħi. Li tkun l-Omm tiegħek. Iva Marija hija l-ikona tal-pellegrinaġġ, l-ikona ta' mixja ta' fidi.

# Il-Passat

Illum qed infakkru l-pellegrinaġġ tal-1944. Pellegrinaġġ karatterizzat ukoll minn mixja. Mixja ma' Marija. Mixja ma' Marija lejn il-Belt tagħha - Bormla. Mixja lejn is-Santwarju tal-Immakulata. Meta nħarsu lejn din il-ġrajja naraw il-kobor ta' din il-Belt. Belt li għal żminijiet twal irnexxielha tkun punt ta' riferiment.

Punt ta' riferiment fl-aspett ekonomiku tal-pajjiz, fl-aspett edukattiv, fl-aspett soċjali u fl-aspett reliġjuż. Huwa propju għalhekk li din il-Belt għandha ċ-ċentru dan is-santwarju, għaliex dan kien il-post fejn kien jiġbor dawn l-aspetti kollha. Is- Santwarju tal-Immakulata Kunċizzjoni hu s-simbolu ta' soċjetà edukata, sinjura, reliġjuza u magħquda. Iva, il-belt ta' Bormla kienet waħda mill-pijunieri f'diversi oqsma tas-soċjetà Maltija. Sfortunatament il-gwerra ġabet f'eżilju lil tant ulied Bormliżi li f'qalbhom baqgħu u għadhom jgħożżu sal-lum il-belt tal-Immakulata.

# Il-Preżent

Inħarsu lejn il-preżent naraw li Marija, għadha timxi, għadha tiġbor lil uliedha li jinsabu wkoll f'mixja ta' fidi. L-ulied li sejħilhom minn bliet u rħulha oħra u tiġborhom mill-ġdid f'dan is-Santwarju, bħalma kienet tagħmel żminijiet ilu. Iva, l-parroċċcca għad għandha r-rwol importanti fit-tfassil ta' din il-belt. Il-parroċċa għad għandha r-rwol li teduka, li twiddeb, li tagħti d-direzzjoni, li tieħu ħsieb lil dawk li jinsabu f'xifer l-irdum, li tagħti l-viżjoni lil din il-Komunità. Il-parroċċa għad għandha d-dmir li twassal lil dawk kollha li qed ifittxu tweġiba għall-ħajja. Iva, il- parroċċa hija l-pedament ta' din il-belt. Dan għaliex il-parroċċa hija ta' Marija.

Marija tgħallimna li fil-mixja li hi għamlet flimkien ma' binha Ġesù ma qagħditx tħares. Marija tat u għadha tagħti sehem attiv. Hija ssejħilna biex ma nibqgħux niddependu fuq ħaddieħor. Issejħilna biex inqumu fuq saqajna. Marija ssejjaħlek biex ma tibqax titfa' r-responsabbiltà tiegħek fuq ħaddieħor, izża kun int dak li tieħu responsabilta ta' ħajtek u ta' dawk kollha li jiddependu minnek.

Marija tgħallimna li l-fidi mhijiex sempliċiment reliġjożità li meta tiġi biex issarrafha fil-ħajja ta' kuljum ma ssib xejn. Marija ma tridx ulied medjokri, mehdijin u aljenati bil-ħafna storbju tal-ħajja, mehdijin fit-tlellix, u mbagħad jersqu lejha biss darba kultant. Din il-Belt - Bormla għandek bżonn li mill-ġdid tiskopri xi tfisser li int ta' Marija. Bormla għandek bżonn li mill-ġdid tiskopri xi tfisser li int tal-Immakulata.

- Inti tal-Immakulata, mela ġib ruħek bħala wild denju tagħha.
- Int tal-Immakulata, mela semmix l-isem tagħha għalxejn b'xejn.
- Int tal-Immakulata, mela r-rużarju għandu jkun l-Innu li bih din il-Belt tqum bih kull filgħodu.
- Int tal-Immakulata mela kun tassew d-dixxiplu ta' binha Ġesù.

Ejjew tassew nisimgħu s-sejħa li għamlet lil qaddejja fit tieġ ta' Kana, għamlu dak li jgħidilkom hu, u tassew din is-sejħa ngħixuha fid-djar tagħna, fil-familji tagħna, fil-ħajja tagħna.

# Stedina lil Kulħadd

Hawnhekk nagħmel stedina. Sabiex l-assoċjazzjonijiet kollha li hawn f'Bormla, naħdmu flimkien għall-ġid ta' dan il-lokal, għal ġid tal-familji, għall-ġid tal-anzjani, għall-ġid taż-żgħażagħ, għall-ġid tat-tfal. Ejjew inkunu lkoll vuċi waħda, leħen wieħed. Ejjew inkunu l-vuċi denja tal-Immakulata.

U hawnhekk nieħu l-okkażjoni biex nagħmel appell. Appell lil dawk kollha li forsi jistgħu jibdew jagħtu sehem aktar attiv fil-ħidma tal-parroċċa. Il-parroċċa għandha l-bibien tagħha

miftuħin għal kulħadd. Għal kulħadd. Kun int ukoll parti attiva f'din il-parroċċa tal-Immakulata, għax hija l-Belt tal-Immakulata.

Inħares 'il quddiem b'tama, b'tama li s-sejħa ta' Marija pellegrina nisimgħuha.

Inħares 'il quddiem b'tama, li ma' dawk kollha li b'xi mod jew ieħor għandhom xi tip ta' influwenza f'din il-belt, naħdmu flimkien biex din il-belt ngħinuha tqum mill-ġdid fuq saqajha.

Inħares 'il quddiem b'tama, li dawk kollha li huma batuti u l-iktar vulnerabli f'din il-belt, isibu min tassew jgħinhom u mhux min aktar jisfruttahom.

Inħares 'il quddiem b'tama li ma nibqgħux imwaħħlin fil-memorji tal-passat b'nostalġija, bħal donnu rridu nwaqqfu ż-żmien milli jibqa' għaddej, iżda nħares 'il quddiem b'determinazzjoni li l-Belt tal-Immakulata b'ħidma flimkien u b'sinċerità, nagħtuha vuċi ġdida, nagħtuha leħen ġdid, nagħtuha libsa ġdida.

# Din il-ħolma se ssir realtà?

Din hija l-ħolma tiegħi. Forsi mxejt iżżejjed, forsi ħlomt iżżejjed, iżda nemmen bis-sħiħ li permezz tal-Immakulata Kunċizzjoni li dejjem takkumpanjana, permezz tat-talb tagħha, hija se toffrilna s-soluzzjonijiet għad-diversi problemi li din il-Belt qed tiffaċċja.

Marija Immakulata, itlob għalina.